# ŻEWĠ KOTBA TA' NOVELLI




Mhux l-ewwel darba li semmejt li niġi mitlub minn xi qarrejja għal kotba li mhux biss mitkubin b'Malti mexxej imma anke għal kotba ta' novelli li dak li jkun ma jdumx wisq biex jasal sal-konklużjoni tal-istorja. In-novelli huma stejjer qosra.

Ċelel bla ħitan fih disa' novelli li fihom ftit element ta' tensjoni li iżda ma jiskomodawx wisq lill-qarrej. Dwal mill-Kantini jkompli mas-suċċess ta' Mużajċi, u s-sitwazzjonijiet partikolari tal-karattri li għandna joffru lill-qarrejja sfida li jħarsu aktar fil-fond, riflessjonijiet eżistenzjali li mhux fil-wiċċ tal-istorja imma jagħtu aktar profondita' lil dawn in-novelli.

Dawn iż-żewġ kotba huma pubblikazzjoni ta' Horizons.

## Ċelel bla ħitan novelli ta' ta' Stephen Lughermo

Stephen Lughermo m'għadux isem ġdid fix-xena letterarja Maltija speċjalment wara s-suċċess kbir li kisbu l-kotba tiegħu fost iż-żgħażagħ. 'X'Aħna Smart!' ta' dan l-awtur kien ir-rebbieħ tal-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ 2014, Konkors imtella mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ. Fis-sena 2018 "Jarmuk" kien ir-rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, fil-kategorija xogħol oriġinali (13 sa 16 -il sena) organiżżat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Ċelel bla Ħitan hija l-ewwel ġabra ta' novelli ta' Stephen Lughermo b'pubblikazzjoni ta' Horizons. F'din il-ġabra tinħass sew l-esperjenza li Lughermo ġarrab mill-aħħar kotba li kiteb għal żgħażagħ u adoloxxenti. Waqt li din il-ġabra hija maħsuba għall-adulti xorta f'dawn in-novelli nsibu l-esperjenza umana bħala ċ-ċentru. U dan naħseb li huwa l-aktar punt b'saħħtu fix-xogħol ta' Lughermo: Huwa osservatur kif ukoll jirrifletti fuq bosta esperjenzi u kapaċi jwassalhom bil-pinna b'saħħitha tiegħu. Dan il-ktieb tah il-lok, mhux biss li jikteb dwar ġrajjiet li huma immirati għal udjenza matura imma wkoll jimrah f'inkontri different u firxa t'esperjenzi usa minn dawk tal-kotba li tana s'issa.

Kull novella tippreżenta karattru msakkar f'din iċ-ċella psikoloġika, fgat bit-tiġrib passat, preżenti jew ġejjieni tiegħu li jitħabat biex isib il-ħelsien tant mixtieq. L-ambjent magħżul huwa dejjem ta' xi post ċkejken u soffokanti li fih il-protagonist iwaħħad l-esperjenza tal-għeluq mentali ma' dak fiżiku. Il-karattri llkoll jesperjenzaw klawstrofobija tar-ruħ, ibatu għeluq li ma jidhirx, jitħabtu ma' ħitan inviżibbli bil-ħolma ta' libertà f'dinja taparsi ħielsa.F'dawn in-novelli, għalhekk, l-awtur jirrappreżenta l-għeluq u l-klawstrofobija tal-ħajja kontemporanja li minkejja li tiftaħar ħafna bil-kunċetti ta' libertà u drittijiet, għadha xxekkel lill-individwi f'bosta manjieri.

Iċ-ċelel mhumiex l-istess. L-għeluq huwa wieħed. Ambjentati f'postijiet klawstrofobiċi, in-novelli ta' din il-ġabra jlaqqgħuna ma' karattri mill-ħajja ta' kuljum. Mill-brejk tal-karozza sal-għanjiet tal-Milied jkomplu jdaħħlu lill-qarrej f'esperjenza sensorjali u aktar jista' wieħed jistħajjel dak li jkun qed jaqra. It-taħdit f'dawn in-novelli mhux biss ma jagħmlux dawn l-istejjer monotoni imma jkomplu jżidu din l-istess esperjenza. Insemmu ngħidu aħna l-monotonija tal-awtostrada. Silta qasira minn din in-novella diġa hija biżżejjed biex wieħed japprezza l-mod kif l-awtur iwassal ir-rakkont, b'tali mod li l-qarrej jesperjenza l-istess sentimenti.

"Inżilt mit-trakk, nitmattar fl-arja ngazzata ta' filgħodu u nofroq iċ-ċpar bħal f'xi logħba ta' tfuliti. Imxejt lejn id-dawl jinfed minn qalb it-tajjar, bit-tvenvin tal-karozzi fl-isfond, bħal fantażmi jlebbtu wara purtiera bajda. Il-ġogi kienu għadhom iebsa imma xi ħaġa kienet qed timbutthom lejn id-dawl tal-ħanut. Kif irfist l-għatba tajt daqqa t'għajn lejn il-bank tal-kaxxiera. Għall-erwieħ! Malli rajtha il-kesħa donnha ħarġet minn ġismi" (Chiolmetro Cinqantasette, pp-7-8).

Karatteristika oħra li nsibu f'dawn l-istejjer hija li jqabbel ħaġa m'oħra. Ngħidu aħna jqabbel il-fatt li tfajla tipprova ma tinqabadx minn xi speed camera ma' realta' oħra (forsi aktar kruċjali fl-istorja) li tipprova ma tinqabadx mill-maħbub tagħha waqt l-avventura tagħha.

"Sa minn meta bdiet tistenna l-lezzjonijiet taż-żfin aktar minn tmiem il-ġimgħa. Sa minn meta bdiet tħoss qalbha taqbeż ma' kull daqqa t'għajn bis-serqa bejn żifna u oħra. Sa minn meta bdiet taħbi l-mowbajl minn ħarset Jake u tħabbel moħħha għal xi skuża ta' aktar reherseal" (B'min trid tidħak, p.27).

Kif għidna Lughermo jidħol fis-sitwazzjonijiet ta' kuljum. Insemmi ngħidu aħna il-weġgħa tas-separazzjoni, fejn minn kliem tabib jistaqsik għal parir tal-mara, għall-istess nuqqas tat-tfal għall-preżenza t'ommhom. Interessanti kif Lughermo għażel il-figura tal-missier, forsi ftit li xejn naħsbu dwarha, minħabba li l-maġġoranza ta' ġenituri waħidhom huma nisa. Pero' ovvjament dak li jgħodd għall-irġiel jgħodd ukoll għan-nisa.

"Daż-żmien sar iħollni iżjed. Kliemha kien sar għalija bħal ilma li jisqini fl-għatx tad-deżert. Mhux darba jew tnejn insib ruħi nistaqsi x'għamiltilha ħażin `il din it-tifla, għala minn jum għal ieħor u xahar wara xahar, insibni mbarra minn ħajjitha, donni djanjostikat b'xi marda li tittieħed tant li bilkemm jistħoqqli ħarsitha" (Bla kura, p.47).

Għandna r-realta' żagħżugħa, waqt id-divertiment karatterizzat mill-użu tal-alcohol (p.79).

L-aktar element li laqatni f'dawn l-istejjer huwa l-mod kif jieħdu xejra differenti. U dik is-sorpriża ma tonqosx. Ngħidu aħna dik it-tifla żgħira li tant kienet tifraħ meta kient tkun fil-jott taz-"ziju" tagħha, li fil-fatt ma kienx għajr ħlief ħabib tal-familja. Imma kellha tagħraf li "Għeruqi ma kinux iż-Żejtun. Kienu hawnhekk fl-għeluq fgat ta' jott pensjonant u f'xi belt imbiegħda fil-Belġju" (Il-Kabina, p.41). Mhux ta' b'xejn meta kibret umbrat dak l-istess jott li tant kienet titgħaxxaq fih fi ċkunitha!

Tema oħra li nista' nislet hija allura dik tal-imgħoddi. Insemmi ngħidu aħna n-novella "Konfessjoni" (p.55), fejn għandna toqol ta' persuna anzjana li ma għenetx persuna waqt suwiċidju.

U la qed nitkellmu dwar sorpirżi: Xi ġralu t-tabib fin-novella "Is-sena tagħna". U s-sid fis-sauna (Rigal)

Din hija l-ħames pubblikazzjoni ta' Lughermo wara X'Aħna Smart! (Horizons, 2015), Jarmuk (Horizons, 2017), Ix-Xewqa ta' Luke (Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Foster Care, 2018) u Toni tat-Tritoni (Horizons/Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2019).

## Dwal mill-kantini, novelli ta' Joe Camilleri: Nota ta' Tarċisju Zarb

Il-fil narrattiv ma jeżistix waħdu. Huwa l-prodott u t-tinsiġ flimkien ma' ambjentazzjoni u karatterizzazzjoni. Huwa t-tiflil flimkien ma' ħsibijiet, emozzjonijiet u qagħdiet mentali varji. Hawnhekk l-awtur – in-nissieġ tal-fil tal-istorja ma jistax jaħrab minn dawn it-tisripiet li fihom huwa jara lill-istess erwieħ tal-protagonisti tiegħu. Il-protagonisti li jixirfu minn żmien għal żmien fin-narrattivi tiegħu – narrattivi li jsawru minnhom infushom qa-